# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Dicembru tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 678/96/SM**

**Ruggier Holdings Company Limited**

**vs**

**Joseph Caruana**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'Awissu ta' l-1996 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Illi previa dikjarazzjoni li qed jokkupa id-dar, u il-fond fi Sqaq Numru 1, f'Immaculate Conception Street, Lija, minghajr ebda titolu validu fil-ligi, jigi kkundannat sabiex f'terminu qasir u perentorju lilu prefiss, jizgombra mill-istess dar de quo, proprjeta tas-socjeta' attrici, u jhalli l-**

**istess dar, libera u vojta favur l-istess socjeta' attrici;**

2. **Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra legali u ittra ufficjali datata 25 ta' April, 1996, u b'riserva ta' kull azzjoni komptenti lill-mittenti kontra tieghu ghall-okkupazzjoni illecita, ingunt ghas-subizzjoni;**

3. **Illi ai fini ta' kompetenza l-valur lokattizju tal-istess ma jaccediex il-LM100, u allura huwa ta' kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-3 t'Ottubru ta' l-1996 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghax l-eccipjent qed jokkupa l-fond imsemmi fl-avviz b'titolu validu fil-ligi, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

2. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi skond il-ligi;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri datata l-3 ta' Lulju ta' l-1997 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **Illi kif sar jaf mid-depozizzjoni tal-istess attur moghtija fis-seduta tat-30 ta' Gunju, 1997, is-socjeta' attrici tippossjedi biss kwart indiviz tal-proprjeta' in kwistjoni u li t-tlitt kwarti l-ohra jappartjenu lill-persuni li huma aktar min sitta u inqas minn ghaxra, li l-attur noe ma kienx kapaci jidentifika;**

2. **Illi hu inkoncepibbli li wiehed jitlob zgumbrament minn sehem indiviz ta' fond ghax jista' jaghti l-kaz li l-proprjetarji l-ohra ikunu kuntenti bl-isto quo u jridu li l-okkupant jibqa' jokkupa l-fond de quo;**

3. **Illi ghalhekk il-gudizzju mhux integru u m'ghandux jipprocedu jekk l-atti jibqghu fl-istat monk li huma llum;**

**4. Illi din l-eccezzjoni qed tinghata bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra gia moghtija;**

**Ezaminat ix-xhieda prodotta quddiem din il-qorti diversament preseduta;**

**Rat is-sentenza parzjali ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-15 ta' Lulju ta' l-1998 li permezz taghha cahdet l-eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Ezaminat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-mertu in dizamina hu cirkoskritt esklussivament mid-delimitazzjoni indikata fl-avviz li ta' lok ghall-procedura odjerna, senjatament il-fond numru 1, Triq l-Immakulata Koncessjoni, Hal-Lija;**

**2. Illi l-konvenut isostni li d-dar de quo ilha mikrija l-fuq minn mitt sena u ilha taghmel parti minn eredita' indiviza tal-familja tieghu sa' mill-1836;**

**3. Illi l-kera kienet tithallas lill-prokuratur li kien imur fuq l-imsemmi post biex jigbor il-kera;**

**4. Illi wara t-Tieni Gwerra Dinjija, iz-ziju tal-konvenut kien jikri l-istess fond mertu tal-kaz in dizamina;**

**5. Illi certu Agius Gilbert kien f'xi zmien wara proprjetarju ta' l-istess fond u kien jircievi l-kera, ghalkemm jidher li kien riluttanti biex jibghat id-debita ricevuta;**

**6. Illi l-konvenut xehed bil-gurament li hu kien jorqod maz-ziju tieghu fil-fond de quo meta dan miet fl-1967;**

**7. Illi l-fond sussegwentement ghadda ghand certu Licari u wara ghand is-socjeta' attrici;**

**8. Illi jidher li l-imsemmi Licari ma riedx jaccetta l-kera u din qatt ma giet depozitata l-qorti;**

**9. Illi s-socjeta' attrici akkwistat kwart indiviz tal-fond de quo minghand Victor Licari permezz ta' kuntratt datat is-17 ta' Dicembru ta' l-1994 in atti tan-nutar Dottor Pierre Cassar, (ara fol 46);**

**10. Illi skond id-deposizzjoni ta' Victor Licari a fol 74 tal-process il-kuntratt imsemmi fil-paragrafu precedenti mhux suppost kienet okkupata stante li l-konvenut kien gia' ceda c-cavetta tal-fond in dizamina fl-1969, u kien biss sussegwentement ghal dan li l-konvenut abbuzivament qabad u dahal go fih;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi jidher lil-vertenza odjerna hija wahda ta' provenjenza antika;**

**Illi l-allegazzjoni tas-socejta' attrici li akkwistat kwart indiviz tal-fond de quo minghand Victor Licari garantit anke l-pacifiku pussess bid-dokumentazzjoni allegat tirrizulta sodisfacenti;**

**Illi l-fatti allegati mill-konvenut pero' baqghu mhux sostanzjati b'dokumentazzjoni li tista' tigi verifikata u ghalhekk l-allegazzjonijiet tieghu m'ghandhom l-ebda valur probatorju;**

**Ghaldaqstant in vista tal-premess din il-qorti fil-waqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attrici u konsegwentement:**

**1. Tiddikjara li l-konvenut Joseph Caruana qed jokkupa l-fond numru 1, Triq l-Immakulata**

**Koncezzjoni, Hal-Lija, minghajr ebda titolu validu fil-ligi;**

2. **Tikkundanna lill-konvenut Joseph Caruana biex jizgombra l-imsemmi fond numru 1, Triq l-Immakulata Koncezzjoni, Hal-Lija favur is-socjeta' attrici fi zmien xahar millum, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**